**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 67**

It-Tlieta, 6 ta' Diċembru 2022

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.02 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

## ATTENDENZA

Il-Prim Ministru l-Onor. Robert Abela, il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet l-Onor. Silvio Schembri, il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali l-Onor. Aaron Farrugia u l-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol l-Onor. Clyde Caruana kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Ray Abela**, l-Onor. David Agius, l-Onor. Ryan Callus, l-Onor. Robert Cutajar, l-Onor. Michael Farrugia, l-Onor. Omar Farrugia, l-Onor. Chris Said u l-Onor. Ian Vassallo* kienu skużati.

Il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Byron Camilleri, ~~l-Onor. Ray Abela~~**, l-Onor. Stephen Spiteri u ~~l-Onor. Ian Vassallo~~* kienu assenti.

*v*ide Minuti tas-Seduta 69 tat-Tnejn 12 ta' Diċembru 2022.*
***vide minuti tas-seduta 110 tat-Tnejn 17 ta' April 2023*

## TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

## MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 66 li saret fil-5 ta' Diċembru 2022 kienu kkonfermati.

## INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1007 Opinjoni Finali datata 15 ta' Settembru 2022 flimkien ma' korrispondenza oħra relevanti għall-investigazzjoni mill-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar dwar okkupazzjoni irregolari fuq art pubblika fejn l-Awtorità tal-Ippjanar naqset li tieħu azzjoni, u li s-Sedja rċeviet mill-Uffiċċju tal-Ombudsman (Każ Nru CEP-22-2975) ai termini tal-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman.

## MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 3708 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1008 Rapport bl-isem *Development Control Design Policy, Guidance and Standards 2015* maħruġ mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA), bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4307;

f'isem il-Ministru għal Għawdex qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1009 Żewġ rapporti bl-isem *Customer Delight Index Survey Meal on Wheels – Gozo* datati April 2019 u Diċembru 2021, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4681;

f'isem il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1010 Tagħrif dwar korsijiet relatati ma' vjolenza domestika li qed jingħataw mill-Korp tal-Pulizija fis-snin bejn l-2020 u l-2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4548;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1011 Avviż Legali Nru 331 tal-2022 − Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Riserva Naturali tal-Ponta tal-Qawra; u

P.L. 1012 Kopja tal-Kuntratt mal-Konsumatur tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) maħruġ skont il-Customer Charter f'Lulju 2020, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4665;

f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1013 Avviż Legali Nru 330 tal-2022 − Offshore Safety (Oil and Gas) (Amendment) Regulations, 2022; u

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1014 Avviż Legali Nru 322 tal-2022 – Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Gradi ta' Bachelor of Arts – B.A. – u Bachelor of Arts (Honours) – B.A. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti;

P.L. 1015 Avviż Legali Nru 323 tal-2022 – Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019, għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali;

P.L. 1016 Avviż Legali Nru 324 tal-2022 – Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) – B.Sc. (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali;

P.L. 1017 Avviż Legali Nru 325 tal-2022 – Regolamenti tal-2022 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2013 għat-Tmexxija tal-Eżamijiet tal-Matrikola u għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja;

P.L. 1018 Avviż Legali Nru 326 tal-2022 − Regolamenti tal-2022 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Master of Dental Surgery − M.D.S.;

P.L. 1019 Avviż Legali Nru 327 tal-2022 – Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għad-Diploma in Dental Surgery Assistance – Dip. D.S.A. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali;

P.L. 1020 Avviż Legali Nru 328 tal-2022 − Regolamenti tal-2022 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2014 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Master of Dental Surgery − M.D.S.;

P.L. 1021 Avviż Legali Nru 329 tal-2022 − Regolamenti tal-2022 tal-Kors għall-Pre-Tertiary Certificate in Dental Surgery Assistance; u

P.L. 1022 Lista li turi n-numru ta' għaqdiet sportivi li jippratikaw kull sport, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4631.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI (EMENDA NUMRU 3) – ABBOZZ NRU 28**

Il-Kamra rriżumiet mill-5 ta' Diċembru 2022 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9".

Fis-17.59 p.m. il-Kamra qablet li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura 87, il-ħin permess għad-diskors tal-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici jitwal, sakemm jikkonkludi d-diskors tiegħu fuq dan l-Abbozz ta' Liġi.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Owen Bonnici u l-Onor. Miriam Dalli għan-naħa tal-Gvern, u l-Onor. Darren Carabott, l-Onor. Graziella Attard Previ, l-Onor. Bernice Bonello, l-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici u l-Onor. Toni Bezzina għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Skont ftehim milħuq fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2022, id-diskussjoni fuq dan l-Abbozz ta' Liġi ġiet interrotta u l-Kamra għaddiet għat-tieni item fuq l-aġenda.

**2. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI – ABBOZZ NRU 25**

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul f'isem il-Prim Ministru, ippropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, Kap. 452".

L-Onor. Randolph De Battista ssekonda.

Fid-diskussjoni ħa sehem l-Onor. Andy Ellul għan-naħa tal-Gvern.

Fis-6.47 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata, u l-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali l-Onor. Andy Ellul, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għall-Erbgħa, 7 ta' Diċembru 2022 fl-4.00 p.m., b'din l-aġenda:

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jkompli jemenda l-Kodiċi Kriminali | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ippjanar tal-Iżvilupp | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att kontra l-Money Laundering | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Prevenzjoni tal-Vjolenza Domestika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji | Tieni Qari |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri tar-Raba' | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi biex jemenda l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika | L-Ewwel Qari<br>Votazzjoni |
| Mozzjoni biex temenda l-Avviż Legali 201 tal-2022 - Regolamenti tal-2022 dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata għall-Ġenituri u għall-Persuni li jindukraw | Votazzjoni |
| Mozzjoni biex temenda l-Avviż Legali 243 - Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Fornitura tal-Ilma u l-Avviż Legali 244 - Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Elettriku (Emenda Nru 2) | Votazzjoni |
| Estimi Ġenerali 2023 - Kumitat ta' Provvista<br>- Votazzjonijiet fuq l-emendi u r-riżoluzzjonijiet imressqa taħt kull Ministeru<br>- Approprjazzjoni għas-sena 2023 u Tieni Approprjazzjoni għas-sena 2022 | Stadji kollha |

-----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi tal-Kummerċ | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi ta' Qabel l-Insolvenza | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Prattikanti fl-Insolvenza | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni, mill-Onor. Paula Mifsud Bonnici u l-Onor. Claudette Buttigieg.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Claudette Buttigieg, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1023 Rapport bl-isem *State of Health in the EU – Malta Country Health Profile 2021*, maħruġ mill-Kummissjoni Ewropea.

Fis-7.19 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 7 ta' Diċembru 2022 fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**